**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Eżamijiet Annwali ta' l-Iskola Primarja 2003**

---

**IR-RABA' SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA**

---

Isem:______________________ Klassi:______________



**A. Ikteb IVA jew LE.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kulħadd għandu bżonn l-ilma. | |
| 2. | Fir-Rebbiegħa s-siġar iwaqqgħu l-weraq. | |
| 3. | Bit-termometru nkejlu l-kesħa u s-sħana. | |
| 4. | Fis-Sajf ikollna ħafna frott frisk. | |
| 5. | Fil-Ħarifa tiġi l-festa tal-Milied. | |
| 6. | 10°Ċ tfisser ħafna sħana. | |
| 7. | Is-siġar isebbħu l-ambjent. | |
| 8. | Ir-riħ huwa arja miexja. | |
| 9. | It-tramuntana huwa riħ kiesaħ. | |
| 10. | Aħna nkejlu x-xita bl-anemometru. | |

(10 marki)

**B. Agħmel sing taħt l-aħjar kelma.**



1. L-aktar ħaġa importanti li nagħmlu fil-klassi hija li (niċċajtaw, nidħku, nitgħallmu).
2. Kulħadd għandu (jirrispetta, jinki, jobgħod) lill-anzjani.
3. Għandna dejjem nilagħbu (fil-klassi, fit-triq, fil-grawnd).
4. Meta nkunu ġo ġnien pubbliku għandna (niddendlu mas-siġar, nimxu mill-passaġġi, naqtgħu l-fjuri).
5. It-tfal għandhom bżonn ħafna li (jitħammġu, jilagħbu, jiġġieldu).
6. Waqt il-logħob għandna (nivvintaw, nobdu, nbiddlu) r-regoli tal-logħba.
7. Mill-programmi (tat-tfal, tal-ġlied, tan-nar) fuq it-televixin, nistgħu nitgħallmu ħafna.
8. Il-festi jiġu biex (nibku, nifirħu, niġġieldu) flimkien.
9. Jekk aħna membri ta' xi għaqda, huwa importanti li (nfallu, naħarbu, nattendu) għal-laqgħat.
10. Huwa d-dmir tagħna li (norqdu, ngħinu, nieklu) fid-dar.

(10 marki)

**Ċ. Ikteb kull kelma taħt il-kolonna t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| San Pietru u San Pawl | pasturi | Buskett | Ġunju |
| Kristu Rxoxt | figolli | maxtura | ħaruf |
| presepju | dundjan | | |

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
| **Il-Milied** | **L-Għid** | **L-Imnarja** |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

(10 marki)

**D. Din l-istampa qed turina t-temp fil-ġranet li għaddew.**

| It-Tnejn | It-Tlieta | l-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa |
|---|---|---|---|---|
|  |  |  |  |  |
| 14°Ċ | 12°Ċ | 13°Ċ | 16°Ċ | 15°Ċ |

**Imla l-vojt billi tħares lejn l-istampa**.

1. Ir-______________ tat-temp joħroġ mill-uffiċċju meteoroloġiku ta' Ħal-Luqa.
2. Nhar il-Ħamis it-temp kien _________________.
3. L-iżjed temperatura kiesħa kienet ta' _______ Ċelsius.
4. L-ogħla temperatura f'dawn il-ġranet kienet ta' ______ Ċelsius.
5. Nhar ________________ kien hemm maltempati bir-ragħad.

(10 marki)

**E**i. **Aqra tajjeb** .

"Ma, illum l-għalliem kellimna dwar kif għandna nġibu ruħna tajjeb mal-ħbieb." Omm Dennis ħadet gost b'dak li qal it-tifel u qaltlu, "Nispera li kollha tagħmlu dak li tgħallimtu!"

**Aqta sing taħt l-erba' pariri tajbin li l-għalliem qal lit-tfal.**



1. Dejjem żommu l-paċi bejnietkom.
2. Il-ħbieb iridu bil-fors jagħmlu li tridu intom.
3. Agħtu ċans lil kulħadd jilgħab.
4. Qatt m'għandkom iċċedu waqt il-logħob.
5. Għandkom tinku lil min jitlef fil-logħob.
6. Morru żuru lill-ħbieb morda.
7. Għandkom dejjem tirrispettaw l-opinjoni ta' xulxin.

(4 marki)

**E**ii. **Wieġeb**.



1. Dennis ma ġiex skola għax kien marid. Agħti mod wieħed kif inti stajt tgħinu.

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

2. Marija hija tifla ġdida fil-klassi tiegħek. Għall-ewwel bdiet tħossha waħedha. Agħti eżempju wieħed kif inti stajt tgħinha.

__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________

3. Paul huwa tifel ġo *wheelchair*. Agħti eżempju wieħed kif inti tista' tgħinu.

__________________________________________________________
__________________________________________________________

(6 marki)

**F. Daħħal il-kelma li toqgħod.**

*Agħżel minn dawn.*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Sqallija | l-Għarab | Normanni | ċedew | ix-xwieni |
| flus | suldati | Ruġġieru | Malta | il-Ħakkiem |



Riġment _____________ Normanni ġew Malta minn ________________. Il-kap tagħhom kien il-Konti ______________. Dak iż-żmien __________ kienu jikkmandaw lill-Maltin. Is-suldati _____________ kienu ġellieda tajbin ħafna. Meta raw lil dawn is-suldati, l-Għarab _____________. Il-Konti Ruġġieru daħal fil-belt kapitali l-Imdina. Huwa sar ______________ il-ġdid ta' Malta. Huwa ftiehem ma' l-Għarab li setgħu jibqgħu f'____________ iżda kellhom iħallsu somma ____________ bħala ħaraġ. Qabel telqu lura lejn Sqallija, in-Normanni għabbew ______________ tagħhom b'ikel, armi u żwiemel.

(10 marki)

**Ġ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numri fil-kaxxi.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | 3 ta' Frar 1923 | | Il-Milied |
| 2. | 29 ta' Ġunju | | Miet Dun Karm Psaila |
| 3. | 25 ta' Diċembru | | Indaqq l-Innu Malti l-ewwel darba |
| 4. | 13 ta' Ottubru 1961 | | Santa Marija |
| 5. | 15 ta' Awissu | | L-Imnarja |

(10 marki)

**G. Wieġeb.** *L-istampi jistgħu jgħinuk.*




1. B'liema żewġ mezzi ta' komunikazzjoni tista' twassal messaġġ liz-zija li toqgħod l-Awstralja?

   ______________________  ______________________

2. Hemm ħabta kerha bejn żewġ karozzi. Sewwieq minnhom korra gravi. Liema mezz ta' komunikazzjoni trid tuża biex l-ambulanza tasal malajr?

   ______________________________________________

3. Għada sejrin ħarġa sal-Buskett. Tixtieq tkun taf kif se jkun it-temp. B'liema żewġ mezzi tista' tkun taf dan ?

   ______________________  ______________________

4. Liema hu l-mezz ta' komunikazzjoni fejn inti tisma' biss?

   ______________________



**Agħżel it-tweġiba t-tajba.**

5. Waqt il-lezzjoni ta' l-Istudji Soċjali użajna l-(kanun, kompjuter, katina).
6. It-tfal jixtiequ jkunu jafu aktar dwar l-iljunfanti. Jistgħu jagħmlu dan billi jfittxu l-informazzjoni fil-(librerija, knisja, ġnien).
7. Inkun qed nagħmel użu ħażin mit-televixin meta (nara l-programmi tat-tfal, naħli ħafna ħin quddiemu, nara l-aħbarijiet.).
8. Kull mezz ta' komunikazzjoni huwa (żejjed, ħażin, bżonnjuż).

(10 marki)

## GĦ. Din hi mappa tal-pajjiżi u l-gżejjer fil-Mediterran.




**1. Qabbel l-ittra li hemm fuq il-mappa ma' l-isem tal-gżira.**
Ħares lejn l-eżempju.

| | Ittra | Gżira |
|---|---|---|
| Eż. | A. → | Sardenja |
| | B. | Ċipru |
| | Ċ. | Kreta |
| | D. | → Malta |
| | E. | Sqallija |
| | F. | Korsika |

(5 marki)

**2. Liema pajjiż jien?**

| | | |
|---|---|---|
| eż. | Il-belt kapitali tiegħi hi Madrid. | <u>Jien Spanja.</u> |
| a. | Fija hemm Ruma u Milan. | Jien ______________ |
| b. | Il-belt kapitali tiegħi hi Pariġi. | Jien ______________ |
| ċ. | Għandi bandiera ħadra kollha. | Jien ______________ |
| d. | Fija tara piramidi antiki ħafna. | Jien ______________ |
| e. | Ateni hi l-belt kapitali tiegħi. | Jien ______________ |

(5 marki)

**H. Ikteb ħames sentenzi dwar *WIEĦED* minn dawn is-suġġetti.**

Il-festa ta' Santa Marija.

Ix-xogħol tal-Pulizija.

Il-Ħarifa.

Is-sehem tiegħi bħala membru f'għaqda fir-raħal jew fil-belt tiegħi.

1.________________________________________

2.________________________________________

3.________________________________________

4.________________________________________

5.________________________________________

(10 marki)

TMIEM